## Qorti Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.

Ammissjoni Nru. 1/2022

Ir-Repubblika Ta' Malta

Vs

Abel Hernandez Vazquez

Illum 28 t'April 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Abel Hernandez Vazquez, detentur tal-karta tal-identita' Spanjola bin-numru 05298877E, fejn gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Lulju 2021 gewwa dawn il-gzejjer:

1. Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Biegh jew xort'ohra ttrafika l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttrafika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta' l-Art 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

7. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-peini stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 36 tal-Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti Stuttorja tas-7 ta' Marzu 2022 fejn l-akkuzat Abel Hernandez Vazquez ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikou 392B tal-Kodici Kriminali li permezz taghha f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

1. Jiddikjara li huwa rcieva l-Atti tal-Kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Alfredo Mangion) vs Abel Hernandez Vazquez fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), u dana wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ordnat li l-Atrti tal-Kumpilazzjoni jigu mibghuta lill-esponent fit-termini tal-Artikolu 293B(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-akkuzat Abel Hernandez Vazquez fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) stqarr li huwa hati tar-reati li bihom gie akkuzat, liema reati huma soggetti ghal piena ta' aktar minn tnax (12)-il sena prigunerija;

2. Jiddikjara wkoll, fit-termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-akkuzat quddiem il-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-akkuzat irregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Marzu 2022, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Abel Hernandez Vazquez hati talli nhar it-8 ta' Lulju 2021 gewwa dawn il-gzejjer:

1. Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Biegh jew xort'ohra ttrafika l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttrafika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta' l-Art 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

7. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-hati Abel Hernandez Vazquez li hija wahda netta bla ebda tegbha ta' kontraavenzjoni jew reat registrat fuqha.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'rikors kongunt tal-Avukat Generali u l-akkuzat Abel Hernandez Vazquez pprezentant fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Marzu 2022, filwaqt li jaghmlu referenza ghal tali ammissjoni u ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392B(5)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti konguntivament jiddikjaraw li qeghdin jaqblu, u konsegwentement qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgbobha timponi fuq ir-rikorrenti akkuzat Abel Hernandez Vazquez piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' erba' (4) snin u tmien (8) xhur, flimkien ma multa ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija fit-termini tal-Kapitoli 9 u 101

tal-Ligijiet ta' Malta fosthom il-hlas tal-ispejjez peritali kollha jew f'ammont li joghgobha tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti u l-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess rikorrent akkuzat Abel Hernandez Vazquez.

**Ikkunsidrat:**

Rat illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-akkuzat Abel Hernandez Vazquez u cioe' dik imsemmija fin-nota konguntiv taghhom prezentata fl-atti nhar il-25 ta' Marzu 2022.

Rat il-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidhol assocjazzjoni u traffikar tad-droga cannabis f'ammonti konsiderevoli, senjatament 'Ir-Repubblika vs. Joseph Zerafa[1]'
kif ukoll 'Ir-Repubblika ta' Malta vs John Bartolo[2]'.

Rat dak li stqarr l-espert Gilbert Mercieca meta esebixxa ir-relazzjoni tieghu (Dok GM1) quddiem il-Qorti Struttorja, rigwardanti s-sejba ta' droga msemmija, li huwa identifika is-sustanza bhala Cannabis, u li l- piz totali ta' 1.18kg ta' valur estimat €22,325 u li l-persentagg medju tal-Cannabinoid fil-materjal kien ta' 15%, kif ukoll identifika sustanza ohra bhala Cannabis, u li l-piz totali ta' 95.2g ta' valur estimat ta' €2,142 u li l-persentagg medju tal-Cannabinoid fil-materjal kien ta' 39%.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[4]" "**Il-**

[1] Deciza fit-28 ta' Jannar, 2010
[2] Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002

**Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fil-25 ta' Marzu 2022 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 8 8(a), 8(b), 8(d), 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii) (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, u l-artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ordinanza dwar Hasil ta' Flus tikkundanna lil hati Abel Hernandez Vazquez ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' erba' (4) snin u tmien (8) xhur prigunerija effettiva, flimkien ma multa ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'sena prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hati ihallas s-somma ta' elf hames mija tlieta u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€1,583.11), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-

[5] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur